**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Gunju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**-vs-**

**Clayton Fava, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 345887M**

***Kumpilazzjoni Nru. 260/2012***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Clayton Fava u ċioè talli:

B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żmienijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda skont l-artikolu 18 tal-Kap. 9:

1. Nhar it-3 ta' Marzu, 2012, u fix-xhur oħra qabel, ġewwa l-gżejjer ta' Malta ġab ruġu b'mod li ta fastidju lil Marion McKay u li kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu kienet qed tikkawża fastidju lilha, skont l-artikoli 251A tal-Kap. 9;

2. fl-istess ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Marion Mc Kay, biżgħa li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha, skont l-artikolu 251B tal-Kap. 9;

3. fl-istess ċirkostanzi uża network jew apparat ieħor ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li nħarġu minn impriża għall-

użu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b'mod mhux kif imiss;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji u/jew theddid fil-konfront ta' Marion Mc Kay u persuni oħra;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u storbju.

6. fl-istess ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità u ċjoe` tal-Pulizija; u

7. nhar it-22 ta' Frar, 2012, għall-ħabta tal-10:30hrs ġewwa s-Swatar, Msida, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċjoè l-bieb ta' barra ta' Marion Mc Kay liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1164,69) imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għad-dannu ta' Marion Mc Kay u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(b), 325A(1) ta' Kap 9.

Il-Qorti intalbet sabiex illi f'każ ta' ħtija tal-imputat, tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni msemmija aktar 'il fuq u dan ai termini tal-artikoli 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Marzu, 2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-24 ta' Jannar, 2017.

Illi ghalkemm meta kienu nqraw l-akkuzi, l-ispettur prosekutur ta' dak iz-zmien, kien informa lill-Qorti, li ma kienx inghata kunsens mill-Avukat Generali, illum il-gurnata l-akkuzi addebitati lill-imputat jaqaw taht il-kompetenza originali tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali),[1] u ghalhekk mhemmx aktar htiega ta' kunsens ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-istess Kodici.

[1] Emendi introdotti bl-Att VIII tal-2015

Illi giet esebita l-istqarrija tal-imputat fejn dan kien cahad li kien ghamel xi haga li wasslet sabiex McKay thossha mhedda minnu[2]. Anzi qal li baqa jhobbha u jirrispettaha u xtaq biss li jkollu access ghal bintu. Gie esebit ukoll il-Current Incident Report[3] minn fejn jinghad li l-parte leza rceviet messagg minn numru 99020701 fejn jintqal kliem ta' theddid fil-konfront ta' certu Simon.

Illi **Marion McKay** xehdet li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kienet rraportat lill-imputat, missier bintha, u li dwarhom kienu dehru l-Qorti. Fuq l-akkuzi addebitati lill-imputat <u>ma setghet tiftakar xejn</u> u ziedet li llum il-gurnata saru hbieb anzi qishom ahwa. Semmiet biss li kienet ghamlet rapport lill-Pulizija ghax l-imputat kien qed immur wara il-bieb tad-dar taghha u li kien sussegwentement gie arrestat mill-Ispettur investigattiv. Mistqosija mill-qorti jekk kienx qed jikkawzalha fastidju tghid biss *"Kien jigi wara l'bieb biex nirrangaw l-affarijiet u hekk u jiena ma ridtx."*[4] Baqghet ma setghetx tikkonferma meta sehh dan l-incident ghax kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kienet ghamlet rapporti fil-konfront tieghu. <u>Inneggat li l-imputat ghamel xi hsarat fuq xi propjeta` taghha kif ukoll cahdet li l-imputat kien qed jikkawzalha biza.</u>

Illi ma ngabet ebda prova ulterjuri sabiex jigu sostanzjati l-akkuzi addebitati lill-imputat.

Fid-dawl tas-suespost, ma jistax jinghad li l-akkuzi gew soddisfacentement ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[2] Fol.11-13
[3] Fol.32
[4] Fol.38